MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2013

Numru 31/2011

**Il-Pulizija**

**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Franco Azzopardi ta' 29 sena bin Carmel u Miriam nee' Cassar, imwieled Victoria nhar is-26 ta' Novembru 1983, residenti fil-fond numru Blk HB, Flat 3, Tac-Cawla, Rabat u detentur ta'l-karta ta'l-identita' numru 4884(G)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Franco Azzopardi akkuzat talli nhar is-06 ta' Frar 2011 gewwa Victoria, Ghawdex:

1) kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u l-pjanta Cannabis kollha, jew bicca minnha u dan bi ksur ta'l-artikolu 8(a) u (d) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ukoll talli nhar is-06 ta' Frar 2011, ghal habta tal-hdax nieqes kwart ta' filghodu (1045hrs) u gimghat ta' qabel gewwa Victoria, Ghawdex u f'inhawi differenti f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti anke jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda

2) sabiex jikseb xi beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz billi bidel is-sett ta' pjanci tar-registrazzjoni ZET 226 fuq karroza tal-ghamla Seat Ibiza billi wahhal dawn in-numru ai termini tal-Artikolu 188 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3) ukoll talli fl-istess zmien, lok u cirkustanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi wahhal n-numru ta' registrazzjoni ZET 226 fuq karroza tal-ghamla Seat Ibiza.

4) fl-istess zmien lok u cirkustanzi saq karroza tal-ghamla Seat Ibiza meta n-numri tar-registrazzjoni kienu ZET226 li kienu jappartjenu ghal vettura iehor, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew tal-Awtorita Dwar it-Trasport Pubbliku, jew saq l-imsemmija vettura minghajr ma kellu licenzja specifikata biex issuq l-imsemmi mutur u b'hekk ma kienx kopert b'polza ta'l-assikurazzjoni ghar-riskji ta' terzi persuni;

5) talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, saq vettura tal-ghamla Seat Ibiza bin-numru ta' registrazzjoni EBH734 minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew tal-Awtorita Dwar it-Trasport Pubbliku, jew saq l-imsemmija vettura minghajr ma kellha licenzja sepcifikata biex issuq l-imsemmija vettura u b'hekk ma kienx kopert b'licenzja jew polza ta'l-assikurazzjoni ghar-riskji ta' terzi persuni.

6) talli xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza, u cioe' minn licenzja tal-windscreen bin-numru serjali mhux maghruf imwahhla fuq vettura tal-ghamla Seat Ibiza bin-numru tar-reistrazzjoni EBH734.

Semghet il-provi

Rat d-dokumenti esebiti.

Rat l-ordni mahruga mill-Avukat Generali tal-11 ta' April 2011 ai termini ta'l-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali tal-11 ta' April 2011 sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz minn dina l-Qorti bil-procedura sommarja.

Semghet trattazzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi dwar il-fattispecje ta' dana il-kaz ma jidhirx illi hemm wisq kontestazzjoni bejn il-partijiet. Jidher illi fil-jum tas-06 ta' Frar 2011, ghal habta tal-hdax ta' fil-ghodu l-imputat gie imwaqqaf mill-pulizija billi gie osservat qed isuq vettura tal-ghamla Seat Ibiza sewda li kellha il-pjanca ta' registrazzjoni fuq in-naha ta' quddiem taghha nieqsa. Il-pjanca ta' registrazzjoni fuq in-naha ta' wara kienet iggib in-numru EBH734. L-imputat ighid fl-istqarrija tieghu u anke meta gie mwaqqaf mill-pulizija *a tempo vergine* illi dina il-vettura kien xtraha xi ftit tax-xhur qabel minn ghand is-socjeta Galea General Services Limited u cioe' kien partatha ma' vettura ohra tieghu u li it-transfer relattiv kien ghadu ma sarx. Ighid illi t-transfer ma sarx ghax ma kellux flus biex jaghmlu. Iddecieda ukoll illi iwahhlilha *license disc* ta' vettura ohra li kienet tappartjeni lilu u cioe' tal-vettura BMW bin-numru ta' regsitrazzjoni ZET226. Fil-fatt meta l-imputat gie imwaqqaf mill-pulizija dina l-*license disc* giet elevata u hija esebieta in atti.[1] Illi mix-xhieda ta'

[1] Ara license disc a fol.25

Saviour Farrugia, rappresentant ta' Transport Malta, fil-fatt jirrizulta illi in-numru ta' registrazzjoni ZET226 jappartjeni lill-vettura BMW Z3 li tghajjat lill-imputat u ilha registrata fuqu mis-06 ta' Awwissu 2010[2].

Illi l-pulizija ghamlu tfittxijiet ohra fir-residenza tal-imputat u l-garaxx tieghu u mill-kamra tas-sodda tal-imputat giet elevata bicca sustanza kannella suspettata raza tal-*cannabis*. Din instabet gewwa Hi-Fi stereo. Fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija hekk kif jigi arrestat, l-imputat jammetti illi huwa kien xtara din is-sustanza minn ghand wiehed Gharbi biex jippruvaha, izda ma ghogbitux u hallieha fil-kamra tieghu.[3]

Ikkunsidrat,

Illi l-Qorti mal-ewwel tosserva illi l-atti processwali huma neqsin kwazi ghal kollox mill-provi essenzjali sabiex tigi ippruvata ir-reita' ta'l-imputat lil hinn minn kull dubbju. Ibda biex b'referenza ghall-ewwel akkuza dwar il-pussess tar-raza jew tal-pjanta tal-cannabis[4] ghalkemm is-sustanza misjuba ghand l-imputat giet esebieta in atti, madanakollu ma saret l-ebda prova dwar x'inhi in-natura ta' dik is-sustanza u jekk din hijiex verament ir-raza jew il-pjanta tal-cannabis kif qed issostni il-Prosekuzzjoni. Ghalkemm l-imputat fl-istqarrija tieghu jammetti illi kien xtara r-raza tal-cannabis, madanakollu din mhijiex certament l-ahjar prova illi dik is-sustanza hija verament dik illi l-imputat jallega li xtara minn ghand terzi. Mhux l-ewwel darba illi persuni vittmi tad-droga ikunu hasbu li xtraw xi sustanza illegali, imbaghad minn ezamijiet forensici li isiru jirrizulta illi dawn ikunu gew ingannati u is-sustanza tkun xi haga kompletament differenti minn dik li huma ikunu hassbu li akkwistaw. Il-Qorti, ghalhekk, f'dawn ic-cirkostanzi ma tistax tistrieh fuq dina l-ammissjoni maghmula mill-imputat fl-istqarrija tieghu. Fuq kollox meta isirlu l-ezami ai termini ta'l-artikolu 392 tal-Kapitolu 9, l-imputat iwiegeb illi mhuwiex hati ta'l-akkuzi migjuba il-konfront tieghu. Illi di piu' fl-ebda mument tul il-proceduri l-imputat ma iddikjara

[2] Ara xhieda ta' Saviour Farrugia a fol.33
[3] Ara stqarrija ta'l-imputat a fol. 12 et. seq.
[4] L-akkuza hija ifformulata kemm taht l-artikolu 8(a) kif ukoll 8(d) tal-Kapitolu 101

li qed jammetti dina l-akkuza u lanqas ma ezenta lill-Prosekuzzjoni milli tressaq il-prova dwar in-natura tas-sustanza esebieta in atti bhala Dokument LG2.

Illi fir-rigward tat-tieni, it-tielet u ir-raba akkuza, jidher illi minn qari ta'l-istess, jirrizulta illi l-imputat qed jigi akkuzat illi huwa biddel is-sett tal-pjanci ta' registrazzjoni billi wahhal in-numru ZET226 fuq il-vettura tal-ghamla Seat Ibiza u li saq dina il-vettura meta hija kellha numri ta' registrazzjoni li kienu jappartjenu lill-vettura ohra. Illi mill-provi akkwizti certament dana kollu ma jirrizultax. Illi l-vettura Seat Ibiza li kien qieghed isuq l-imputat ma kellhiex il-pjanca ta' registrazzjoni ta' quddiem filwaqt illi dik ta' wara kienet proprju dik li tappartjeni lil dik il-vettura u cioe' EBH734. Dawn il-fatti inkonfutabbli huma irrappurtati mill-pulizija li investigaw dana il-kaz li ighidu illi kienet il-*license disc* imwahhla fuq il-*windscreen* li ma kenitx dik li tappartjeni lill-vettura Seat Ibza, izda kienet tappartjeni lill-vettura BMW bin-numru ZET226 proprjeta ta'l-imputat. Illi ghalhekk anke hawnhekk il-Prosekuzzjoni kienet zbaljata fil-mod kif giet ifformulata l-akkuza, liema zball fl-ebda hin tul dawn il-proceduri ma gie korrett. B'rabta ma' dawn l-akkuzi, anke is-sitt u l-ahhar akkuza hija ukoll ifformulata hazin billi l-imputat huwa akkuzat illi ghamel uzu minn att jew kitba falza u cioe' minn licenzja tal-*windscreen* bin-numru serjali mhux maghruf, li twahhlet fuq il-vettura Seat Ibiza. Illi dana ukoll mhuwiex il-kaz billi l-*license disc* esebieta in atti hija dik tal-vettura ZET226 bin-numru serjali G 162971.

Illi finalment fir-rigward tal-hames akkuza u cioe' l-akkuza dwar is-sewqan tal-vettura Seat Ibiza minghajr licenjza tal-Kummissarju tal-Pulizija u minghajr assikurazzjoni, anke hawnhekk l-prosekuzzjoni naqqset milli tressaq lir-rappresentant tat-Transport Malta sabiex jixhed dwar jekk il-vettura EBH734 kellhiex licenzja ghat-triq imhallsa o meno. L-imputat fl-istqarrija tieghu ighid illi huwa kien ghadu ma ghamilx it-transfer relattiv minn meta kien xtara din il-vettura billi ma kellux flus biex ihallas ghal dan. Din madanakollu ma hijiex l-ahjar prova li setghet iggib il-prosekuzzjoni. Fil-fatt ghalkemm ix-xhieda ta' Saviour Farrugia kienet giet sospiza sabiex hu igib l-informazzjoni

rigward il-vettura EBH734, ix-xhud qatt ma rega’ ingieb jixhed u l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha fis-seduta tat-03 ta’ Novembru 2011.

Ghaldaqstant fid-dawl tal-provi migjuba mill-prosekuzzjoni fl-atti u fid-dawl tal-fatt illi uhud mill-akkuzi gew ifformulati b’mod zbaljat u qatt ma intallbet l-ebda korrezzjoni fl-istess, il-Qorti ma tistax issib htija fil-konfront ta’l-imputat ghall-akkuzi migjuba il-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputat mill-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------